

Brussell, 16 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16902/24

DEVGEN 207
FIN 1129
COAFR 444
MAMA 253
ACP 135
RELEX 1605
MIGR 463
NDICI 27

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Diċembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16344/24	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 17/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika: Minkejja approċċi ġodda, l-appoġġ baqa' mingħajr fokus" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Diċembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il- Fond Fiduċjarju tal- UE għall- Afrika: Minkejja approċċi ġodda, l- appoġġ baqa' mingħajr fokus", kif approvati mill-Kunsill fl-4070 laqgħa tiegħu li saret fis- 16 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika: Minkejja approċċi ġodda, l-appoġġ baqa' mingħajr fokus"

1. Peress li rrikonoxxiet ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, fl-2015 l-UE żviluppat Il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-istabbiltà u li jindirizza l-għerq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika (EUTF), assistenza esterna li tippromwovi l-istabbiltà, tappoġġa lill-pajjiżi sħab biex jiġġestixxu l-migrazzjoni u l-ispostament furzat b'mod aktar effettiv lejn l-iżvilupp sostenibbli u tiffoka fuq il-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin u l-ġlieda kontribom. Wara awditu bikri tal-bidu (ir-Rapport speċjali 32/2018), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) wettqet it-tieni wieħed, fejn ivvalutat jekk: 1) il-Kummissjoni implimentatx l-erba' rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-2018; 2) il-Kummissjoni qisitx kif xieraq id-drittijiet tal-bniedem meta pprovdiet l-appoġġ; u 3) jekk ir-riżultati tal-EUTF għall-Afrika ġewx immonitorjati b'mod effettiv, irrappurtati b'mod preċiż, u kinux sostenibbli.
2. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 17/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-istabbiltà u li jindirizza l-għerq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika (EUTF għall-Afrika) li jeżamina jekk l-EUTF kienx iffoka l-appoġġ tiegħu fuq il-kisba tal-għanijiet tiegħu li jiġu indirizzati l-għerq ta' dak li jikkawża l-instabbiltà, il-migrazzjoni irregolari u l-ispostamenti furzati fl-Afrika, b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill iqis sewwa l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fih. Barra minn hekk, il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet komprensivi tal-Kummissjoni meħmuża mar-Rapport Speċjali u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu.

3. Il-Kunsill ifakkar li l-EUTF għall-Afrika għe stabbilit biex irawwem l-istabbiltà u jikkontribwixxi għall-ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni kif ukoll biex jappoġġa t-titjib fil-governanza globali tal-migrazzjoni billi jiġu indirizzati l-għeruq ta' dak li jikkawża d-destabilizzazzjoni, l-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari - b'mod partikolari billi jippromwovi r-reżiljenza, l-opportunitajiet ekonomiċi u l-opportunitajiet indaqs, is-sigurtà u l-iżvilupp, u billi jindirizza l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Imniedi f'Novembru 2015 fis-Summit tal-Belt Valletta dwar il-Migrazzjoni, l-EUTF għall-Afrika jappoġġa 27 pajjiż mifruxa fit-tliet reġjuni li ġejjin: is-Sahel u l-Lag Chad, il-Qarn tal-Afrika, u l-Afrika ta' Fuq.
4. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi li għaddejjin għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, inkluż permezz ta' sħubijiet komprensivi u strateġiċi f' dijalogu mal-pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu fl-Afrika. Filwaqt li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp diġà tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni, il-Kunsill jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet li l-EUTF għall-appoġġ għall-Afrika baqa' mhux iffukat biżżejjed għax jindirizza firxa wiesgħa wisq ta' azzjonijiet ta' żvilupp, ta' sigurtà u oħrajn umanitarji li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi, u l-QEA kkonkludiet li l-appoġġ ipprovdut mhux dejjem kien kompletament koerenti mal-kuntesti lokali.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li filwaqt li l-EUTF għall-Afrika ppermetta teħid ta' deċiżjonijiet aktar rapidu dwar il-finanzjament, l-ikkuntrattar kien aktar bil-mod iżda xorta waħda f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Madankollu, hemm dgħufijiet rigward l-akkuratezza u s-sostenibbiltà tar-riżultati rappurtati, u r-riskji għad-drittijiet tal-bniedem ma ġewx indirizzati b'mod komprensiv.
6. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-EUTF għall-Afrika żviluppa approċċ ġdid għall-ġbir ta' informazzjoni dwar l-għeruq ta' dak li jikkawża l-instabbiltà, il-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat. B'mod ġenerali, il-Qorti sabet li l-proġetti tal-EUTF irrapportaw it-twetliq ta' bosta mill-outputs ippjanati tagħhom u laħqu parzjalment l-oġettivi tagħhom, minkejja l-kuntesti volatili u fraġli li joperaw fihom.

7. Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri joffri osservazzjonijiet importanti dwar il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-EUTF għall-Afrika, kif ukoll rakkomandazzjonijiet prezżjużi mhux biss għal strumenti u proċessi futuri, iżda anki għal strumenti attwalment fis-seħħ bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI-GE). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha: ittejjeb il-prijoritizzazzjoni; tqis it-tagħlimiet meħuda; tiżgura tqabbil sinifikattiv tal-aħjar prattiki; issaħħaħ il-kapaċità li jiġu identifikati, segwiti u mitigati r-riskji għad-drittijiet tal-bniedem; u ttejjeb l-akkuratezza tal-kisbiet rappurtati. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tqis dawn ir-rakkomandazzjonijiet kollha fl-ipprogrammar futur.
8. B'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżviluppa approċċi sostenibbli lejn aktar koerenza bejn l-iżvilupp u l-politika dwar il-migrazzjoni, inkluż billi jiġu indirizzati l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari b'mod sostenibbli. Għandu jingħata appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ tekniku u vokazzjonali, b'attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bħala aġenti tal-bidla għall-iżvilupp sostenibbli. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkoopera mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu b'mod li huwa ta' benefiċċju reċiproku billi tibni sħubijiet komprensivi. Dawn is-sħubijiet, fost elementi oħra, għandhom jiffukaw fuq l-appoġġ għall-migranti, ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fir-reġjuni ta' oriġini, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Perkorsi sikuri u legali konformi mal-kompetenzi nazzjonali huma kruċjali għal migrazzjoni regolari u ordnata.

Rakkomandazzjoni 1: Immirar akbar ibbażat fuq il-provi ta' żoni ġeografiċi u benefiċjarji

9. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi li l-EUTF għall-Afrika ħabbat wiċċu magħhom fl-iżvilupp ta' approċċ ġdid għall-ġbir ta' informazzjoni dwar l-għeruq ta' dak li jikkawża l-instabbiltà, il-migrazzjoni irregolari u l-ispostamenti, għall-identifikazzjoni tar-riskji għad-drittijiet tal-bniedem f'ambjent volatili u għar-rappurtar dwar il-kisbiet kumulattivi tal-azzjonijiet tiegħu. Fl-istess ħin, il-Kunsill jemmen bis-sħiħ li hija meħtieġa sistema affidabbli ta' indikaturi biex jiġu prijoritizzati u mmirati l-bżonnijiet, il-benefiċjarji rilevanti u ż-żoni ġeografiċi, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab, kif ukoll il-gwida strateġika pprovduta mill-Kunsill. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-QEA u ser ittejjeb l-offerti ta' taħriġ marbuta mal-migrazzjoni fil-fażi tal-ipprogrammar u t-tfassil għas-servizzi rilevanti, inkluż id-Delegazzjonijiet tal-UE.
10. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-immirar tal-finanzzjament allokat għal kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni, bl-użu ta' kriterji ċari u indikaturi preċiżi biex tiġi żgurata allokazżjoni xierqa u effiċjenti tal-finanzzjament iddedikat għal sfidi tal-migrazzjoni identifikati speċifikament, abbażi ta' provi.
11. Filwaqt li jfakkar fid-dimensjoni transfruntiera tal-migrazzjonijiet, il-Kunsill jappella għal approċċi integrati tul ir-rotot migratorji u kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni, f'kull livell, permezz ta' sħubijiet komprensivi ta' benefiċċju reċiproku.
12. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura koerenza bejn il-politika tal-iżvilupp u dik dwar il-migrazzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-approċċ inċitattiv flessibbli previst fir-Regolament NDICI-Ewropa Globali, u jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel użu sħiħ mill-flessibbiltà pprovduta u biex issegwi djalogi estensivi dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Rakkomandazzjoni 2: Inklużjoni tad-dokumenti tal-EUTF f'repożitorju ċentrali biex tinforma azzjoni futura u tespandi t-tagħlimiet meħuda għad-dokumenti ta' azzjoni

13. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mit-tagħlimiet meħuda mill-proġetti tal-EUTF biex tapplikahom fl-azzjonijiet attwali u futuri ffinanzjati mill-UE dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp u biex tirriflettihom fit-taqsimha tat-tagħlimiet meħuda tad-dokumenti ta' azzjoni f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.
14. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mir-riċerka u rapporti bbażati fuq il-provi, b'mod partikolari dwar il-migrazzjoni, biex ittejjeb il-fokus ta' azzjonijiet futuri.

Rakkomandazzjoni 3: Tisħiħ tal-identifikazzjoni tar-riskji għad-drittijiet tal-bniedem u azzjoni ta' mitigazzjoni

15. Il-Kunsill jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-QEA li, minkejja approċċ innovattiv għall-identifikazzjoni tar-riskji għad-drittijiet tal-bniedem f'ambjent diffiċli, il-valutazzjoni tar-riskji potenzjali għad-drittijiet tal-bniedem ma kinitx komprensiva, u li ma kienet fis-seħħ l-ebda proċedura formali biex jingħata segwitu sistematiku għall-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-proġetti tal-EUTF.
16. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" u jaqbel li huwa meħtieġ titjib f'azzjonijiet futuri marbuta mal-iżvilupp. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ u tiddokumenta b'mod formali r-rappurtar, il-monitoraġġ u s-segwitu adegwat tal-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest ta' proġetti ffinanzjati mill-UE, kif ukoll biex tapplikah għal azzjonijiet attwali u futuri ffinanzjati mill-UE dwar il-migrazzjoni. Huwa jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar dawn l-isforzi u biex tiżviluppa proċedura b'saħħitha ta' azzjonijiet ta' segwitu.

Rakkomandazzjoni 4: Titjib fl-akkuratezza tal-kisbiet rappurtati

17. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza ta' metodoloġija armonizzata fost id-direttorati ġenerali u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni kif ukoll ta' rappurtar preċiż dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti, filwaqt li jirrikonoxxi l-kwistjonijiet ta' sigurtà u aċċess li jistgħu jfixxlu l-proċessi tal-monitoraġġ fuq il-post.

18. Huwa jisħaq ukoll fuq l-importanza ta' rappurtar preċiż dwar l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) u jappella lill-Kummissjoni biex twettaq rieżami tal-eliġibbiltà għall-ODA tal-proġetti tal-EUTF, biex tidentifika malajr kemm jista' jkun dawg il-proġetti f'riskju li ġew ivvalutati b'mod skorrett bħala kompletament eliġibbli għall-ODA, u biex jekk ikun hemm bżonn, tikkoreġi r-rappurtar lill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD.
19. Il-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-QEA rigward il-bżonn għal kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni bejn is-sħab ta' implimentazzjoni u l-Kummissjoni, kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-indikaturi komuni u tar-rappurtar tad-data relatata mal-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura aktar informazzjoni dwar id-data sottostanti użata għall-indikaturi mill-implimentaturi tal-proġetti, fil-limiti tal-qafas legali applikabbli u d-dispożizzjonijiet kuntrattwali. Il-Kunsill jissottolinja li d-data f'dan il-kuntest għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri fuq bażi permanenti u dwar dettalji speċifiċi kull meta tintalab f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.
-